# Id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali jippromwovi u jħares il-benesseri u s-saħħa tal-pubbliku minn effetti ambjentali ħżiena. Is-Saħħa Ambjentali tinkludi dawk l-aspetti tas-saħħa u l-mard tal-bniedem li huma determinati minn fatturi fl-ambjent. Flimkien mad-dipartiment għas-Saħħa Ambjentali, din is-sezzjoni tistinka biex jintlaħqu l-ogħla standards ta' saħħa u iġjene pubblika billi tindirizza fatturi ta' riskju assoċjati ma' perikli ambjentali.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://environmentalhealth.gov.mt/ehs-mt/ehs-landing-mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 10 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5 t'ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://publicservices.gov.mt/en/rtps/Pages/Home.aspx*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, Ministeru għall-Għawdex, Pjazza San Franġisk, Rabat Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:00-15:00; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://ghawdex.gov.mt/public-bodies/l-ispettorat-tas-sahha-u-l-ufficcju-tas-servizzi/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *gozo.ph@gov.mt*; - +356 2215 6500 / 2215 6400
- Permezz tal-midja soċjali: